KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 30**

**It-Tlieta, 12 ta' Mejju 2026**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Hadd

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Johann Borg | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |
| Is-Sa Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill (online) |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

## 30.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**30.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba ċirkustanzi li m'għandux kontroll fuqhom. Il-Kunsill ħa vot fuq din it-talba.

**Favur** 0 **Kontra** 3 **Astensjonijiet** 5

Din it-talba ma ġietx aċċettata u għalhekk il-Kunsillier Johann Borg se jiġi mniżżel assenti.

## 30.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 29)

**30.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 29.

**30.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u sekondata mill-Kunsilliera Rohasia Zammit, il-minuti ta' seduta 29 ġew approvati unanimament.

## 30.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**30.03.01** Ma kien hemm l-ebda kwotazzjoni.

## 30.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**30.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li x-xogħlijiet tax-xatt waslu biex jiġu fi tmiemhom. Dan ix-xogħol, li dam sejjer għal sentejn, sar b'investiment ta' iżjed minn €3 miljuni fejn sar it-tisħiħ tas-sistema tad-drenaġġi u rikostruzzjoni tat-triq kollha. Semma li baqa' xi affarijiet żgħar li qed jiġu indirizzati u li sa tmiem il-ġimgħa l-proġett għandu jkun magħluq.

**30.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li tlesta t-tarmak wara talba li kienet saret mill-Kunsill rigward il-housing estate ta' Triq l-Arzella, ma' Triq San Franġisk Saverju. Spjega wkoll li billi nqabżet il-parti ta' Block B, il-Kunsillier Alex Caruana tkellem ma' IM sabiex din il-parti tiġi indirizzata.

**30.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li se jsir resurfacing f'Daħlet il-Mitjar il-Qadim. Dan ix-xogħol se jibda fil-jiem li ġejjin. Semma wkoll li hemm sqaq fi Triq Tal-Ġebel li jrid isir ukoll.

**30.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li x-xogħlijiet relatati mas-sistema tad-drenaġġi tal-promenade, man-naħa ta' San Ġorġ, bdew u beda wkoll il-proċess ma' Triq Salvatore Cachia Zammit. Apparti dan, qed isiru x-xogħlijiet ukoll fuq il-pilastri tal-konkos mill-ħaddiema tal-PWD. Semma wkoll li tlesta t-tisbiħ tal-ġnien fi Triq Dun Ġorġ Zammit, u fil-jiem li ġejjin se jkun qed jibda x-xogħol fuq il-ġnien ta' Triq Herakles.

**30.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rigward il-monument tal-mibki Jake Vella, l-applikazzjoni daħlet għand il-PA.

**30.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li Fortizza Bengħajsa ngħatat lura lil Heritage Malta u li nhar il-Hadd, 23 ta' Mejju, hemm open day.

**30.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li Festa Bengħajsa, li saret fit-3 ta' Mejju, kienet ta' suċċess. Huwa rringrazzja lil kull min ta sehmu biex setgħet tittella' din l-attività.

## 30.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**30.05.01** Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

## 30.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

*Hawnhekk ingħaqdet il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit.*

**30.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' April 2026.

**30.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex jinġabru 3 kwotazzjonijiet għat-tisqija u tballit tal-ħamrija sabiex jekk il-kuntrattur attwali ma jkunx qed jagħmel dan ix-xogħol kif mitlub, it-tisqija ssir minn xi ħadd ieħor, filwaqt li jitnaqqas l-ammont minn tal-kuntrattur. Wara se tintbagħat ukoll ittra lill-avukat sabiex inkunu nistgħu mmexxu.

**30.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li rċieva talba mingħand waħda mill-impjegati fejn infurmat lill-Kunsill li se tkun qed taħdem sal-aħħar ta' Awwissu qabel imbagħad toħroġ bil-leave tal-maternità. Huwa semma wkoll li l-impjegata talbet għal xahar leave bla ħlas, u wara li tirritorna lura għax-xogħol din se tibqa' taħdem fuq bażi full-time, iżda talbet sabiex tkun flessibbli. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, din it-talba ġiet approvata unanimament. Hawn il-membri tal-Kunsill approvaw li sabiex l-uffiċċju jibqa' jaqdi l-funzjoni tiegħu, b'vot unanimu wkoll, qablu li jitkompla l-proċess għas-sejħa ta' ħaddiem ieħor fl-uffiċċju fi skala 16 u li l-Kunsill ikun qed jagħmel tajjeb għal dan is-salarju.

## 30.07 Korrispondenza

**30.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri qara r-rapport tal-ERA lill-kunsilliera preżenti wara li saret laqgħa magħhom rigward il-fondi li hemm allokati għal Birżebbuġa.

**30.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rġajna rċivejna l-applikazzjoni tal-imwejjed u s-siġġijiet mingħand il-konsulent ambjentali Dr Alexander Borg Galea, għal quddiem l-istabbiliment Eeetwell. Dan il-permess kien ġa ngħata fl-2023 iżda reġgħu daħħlu l-istess permess lura billi dan l-istabbiliment kabbar l-area. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie deċiż li l-konsulent ambjentali Dr Alexander Borg Galea jintalab sabiex iħejji u jibgħat sottomissjoni ta' interess.

**30.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm issue bejn ir-residenti ta' Triq San Filippu, fejn ir-residenti ta' blokka partikolari qed jilmentaw li m'għandhomx aċċess liberu mill-blokka għal ġot-triq minħabba 2 garaxxijiet li hemm ħdejn il-blokka. Ir-residenti xtaqu li jkun hemm junction box quddiem il-blokka tal-appartamenti, iżda din it-talba ma ġietx approvata minn TM. Wara li din l-istess entità għamlet assessjar ta' din iż-żona, bagħtet lill-Kunsill sabiex tiġi kaxxa safra minn garaxx A sa garaxx B. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie deċiż li ssir talba lil PWD sabiex isir

restawr tal-bankina u ssir tfakkira mill-Kunsill lil TM għal gwida ta' x'jista' jsir. Il-kunsilliera preżenti qablu dwar dan.

**30.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mingħand l-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, fejn minħabba ċirkostanzi relatati ma' diversi gruppi ta' karozzi li kellhom jipparteċipaw fl-attività tal-Auto Fest, u li sfortunatament bdew jikkanċellaw il-parteċipazzjoni tagħhom għad-data oriġinali minħabba li tinsab viċin l-elezzjoni ġenerali, dawn talbu sabiex id-data tinbidel għall-20 ta' Ġunju 2026. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-data l-ġdida.

## 30.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**30.08.01** Is-Sindku Scott Camilleri ressaq mozzjoni 04/2026, li ġiet sekondata mill-Kunsillier Darren Mark Debono, dwar pjan ta' kummerċjalizzazzjoni għal Pretty Bay 2026. Il-vot marbut ma' din il-mozzjoni kien hekk:

**Favur** 8 **Kontra** 0 **Astensjonijiet** 0

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## 30.09 Quarterly Report (Jannar – Marzu 2026)

*Hawnhekk l-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online.*

**30.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq il-quarterly report ta' bejn Jannar u Marzu 2026, li ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn, l-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni dwar il-quarterly report.

**30.09.02** Il-quarterly report ta' bejn Jannar u Marzu 2026 ġie approvat unanimament mill-kunsilliera preżenti.

## 30.10 Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti BLC/T/04/2026

**30.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm l-evalwazzjoni tat-tender: BLC/T/04/2026 relatat max-xiri tal-vettura tal-Kunsill. Huwa qal li għal din is-sejħa ma daħlet l-ebda sottomissjoni. Wara deċiżjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti ġie deċiż li jerġgħu jinħarġu l-avviżi sabiex jerġa' jiġi ppubblikat it-tender. Din id-deċiżjoni nqablet mill-kunsilliera preżenti kollha.

## 30.11 Car park agreement

**30.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-operat tal-car park tal-Freeport se jgħaddi għand il-Malta Freeport Corporation. Huwa spjega li se jkun hemm 2 agreements: l-ewwel agreement se jkun li jiġi terminat l-agreement attwali, u t-tieni agreement se jkun fuq il-kundizzjonijiet il-ġodda li se jkun hemm ftehim dwarhom. Inqara l-ftehim u hemm diversi punti li riedu jiġu ċċarati u rranġati qabel ma jiġi ffirmat. Għandha wkoll issir laqgħa mal-Freeport dwar dan.

## 30.12 Attivitajiet u skemi

**30.12.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li għax-xahar ta' Ġunju hemm attività pjanata u għax-xahar ta' Awwissu hemm pjanata wkoll safra għal Sqallija.

**30.12.02** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li fis-16 ta' Settembru hu Jum Birżebbuġa. S'issa il-programm hu li filgħaxija ssir il-quddiesa għal Jum Birżebbuġa u wara ċerimonja ta' Jum il-Lokal. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie deċiż li din is-sena ssir fil-ġnien f'Tal-Papa. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jkun qed jieħu ħsieb li jagħmel kuntatt mal-grupp Kantera għal dakinhar.

**30.12.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ta aġġornament dwar l-iskemi u l-attivitajiet.

1. *SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament – Lokalitajiet aktar nodfa*
   - L-applikazzjoni għal din l-iskema ddaħħlet. Il-clean-up se jsir ġewwa Bengħajsa u din id-darba se jsiru wkoll tours ġewwa Fort Bengħajsa. Semma wkoll li parti mill-fondi ta' din l-iskema tmur għall-kameras f'din iż-żona.

2. *SPI/SCI/03/2026 – Finanzjament – Milied 2026*
   - Saret laqgħa bejn il-bord fejn ġie deċiż li jiġu allokati €10,000 għal tiżjin fit-toroq, fosthom ix-xatt.
   - Jiġu allokati €4,000 għal saqaf għall-presepju.
   - Il-fondi li jibqa' jintużaw sabiex issir attività għal ġbir ta' rigali madwar il-lokalità, fejn tintuża ferrovija. Il-kwotazzjoni li nġabret għal din il-ferrovija hija ta' €1,100. Ma' din trid tiżdied il-banda sabiex jinġabru rigali għal waħda mill-kawżi ġusti li jkun hawn. Idealment din issir fl-istess weekend ta' Milied fil-Pjazza.

Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dawn id-deċiżjonijiet u se tiġi pjanata laqgħa għall-ħabta ta' Ġunju.

3. *SPI/SCI/04/2026 – Finanzjament – Manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali*
   - Se tinqabeż.

4. *SPI/SCI/05/2026 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità*
   - Se tinqabeż.

**30.12.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li kien hemm laqgħa mal-SEM dwar ammont ta' fondi li hemm allokati sabiex jingħataw opportunitajiet ta' taħriġ. Il-kunsilliera preżenti ma wrewx ix-xewqa li napplikaw.

## 30.13 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**30.13.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty cash:*

**30.13.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Darren Mark Debono, u sekondat mill-Kunsillier Karel Zahra, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 30.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**30.14.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2026, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2026.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ______________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |